# SAN JOSEMARÍA ESCRIVÁ DE BALAGUER, PRESBITERU

**Antifona ta' l-Introjtu** **Jer 3,15**

Nagħtikom ragħajja għal qalbi,
li jirgħaw bil-għerf u l-għaqal

**Kolletta**

O Alla, int għażilt fil-Knisja tiegħek lis-saċerdot San Josemaria,
biex ixandar is-sejħa universali għall-qdusija u għall-appostolat:
agħti lilna wkoll, bl-interċessjoni u l-eżempju tiegħu,
li nsiru ħaġa waħda ma' Ibnek Ġesù
permezz tax-xogħol ta' kuljum
u li naqdu b'imħabba mħeġġa l-pjan tal-fidwa.
B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna,
li miegħek igħix u jsaltan flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu,
- Alla -
għal dejjem ta' dejjem.

**Fuq l-Offerti**

Missier Qaddis, ilqa' l-offerti li qed nippreżentawlek
fit-tifkira ta' San Josemaria
u, permezz tas-sagrifiċċju li offra Kristu fuq l-altar tas-salib,
preżenti f'dan is-sagrament,
qaddes il-ħidma tagħna.
Bi Kristu Sidna.

**Antifona tat-Tqarbin** **Mt 20,28**

Bin il-bniedem ma ġiex biex ikun moqdi,
imma biex jaqdi u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra.

**Wara t-Tqarbin**

O Alla, Missier tagħna,
is-sagramenti li rċevejna fil-festa ta' San Josemaria,
isaħħu fina l-ispirtu ta' l-adozzjoni ta' wlied,
billi maqgħqudin b'fedelta' mar-rieda tiegħu,
nimxu bil-ferħ fit-triq tal-qdusija.
Bi Kristu Sidna.